MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 910/2012

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**vs**

**Standing Oviations Company (C47085)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fl-10 ta'Settembru 2012 li bih s-socjeta rikorrenti ppremettiet:

*1. Illi s-socjeta intimata hi debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta'disgha u ghoxrin elf, tliet mija u tmienja u tmenin euro u tmienja u erbghin centezmu (€29,388.48) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar ta' valur ta' servizzi ta'reklamar, xandir u provvisti ohra rezi mis-socjeta rikorrenti, u spejjez relatati ma' tali*

*pretensjoni, kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat "Dok. A";*

*2. Illi permezz ta' skrittura datata 7 ta' Marzu 2012, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata "Dok. B", is-socjeta intimata rrikonoxxiet li hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u tletin elf, mitejn u sebgha u sittin euro u tmenin centezmu (€35,267.80) inkwantu s-somma ta' elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin euro (€1,921) rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati mit-30 ta' April 2010 sal-31 ta' Jannar 2012 u ispejjez relatati ma tali pretensjoni fl-ammont ta' elf , hames mija u tmienja u erbgin euro (€1,548);*

*3. Illi minkejja li s-socjeta intimata obbligat ruhha permezz ta' din l-iskrittura li thallas l-ammont dovut f'pagamenti mensili ta' mhux inqas minn elf, disa' mija u disgha u hamsin euro u tnejn u tletin centezmu (€1,959.32) hija baqghet moruza fil-hlas ta' iktar minn skadenza wahda, u hallset biss l-ammont ta' hamest elef, tmien mija u disgha u sebghin euro u tnejn u tletin centezmu (€5,879.32) minflok l-ammont ta' hdax –il elf, seba' mija u hamsa u hamsin euro u tnejn u disghin centezmu (€11,755.92) skond il-ftehim, u kwindi ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu lilha koncess in virtu ta' tali skrittura;*

*4. Illi l-ammont fuq indikat hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-socjeta rikorrenti, s-socjeta intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x'tissoleva f'din il-kawza;*

*5. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex dina l-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispenza tas-smiegh.*

*Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta intimata ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta'€29,388.48 kif fuq*

*indikat u billi rrikorrew l-elementi mehtiega mill-ligi, din il-kawza ghandha tinstema' u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta rikkorrenti talbet bir-rispett illi din l- Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvediment opportuni, joghgobha:*

*1. Tisma' dina l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas is-somma ta'€29,388.48 rapprezentanti bilanc minn somma ikbar ta' valur ta' servizzi ta' reklamar, xandir u provvisti ohra rezi lilha mis-socjeta rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-kontro mandat prezentat nhar it-22 ta' Marzu 2012 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru nru 1317/2012 prezentat nhar is-6 ta' Settembru 2012 bl-imghax dekorribbli mill-1 ta' Frar 2012 relattiv sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li minn issa hija ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lis-socjeta intimata skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smiegh tal-kawza;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum il-Hamis 8 ta' Novembru 2012 u fl-udjenza fil-31 t'Ottubru 2012, is-socjeta intimata ma dehritx, u dan minkejja illi l-Qorti ipposponiet il-kawza ghal zmien ragonevoli u regghet sejhet lis-socjeta intimata ;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-kawza;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u ghalhekk qedgha tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza mis-smiegh;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta'disgha u ghoxrin elf, tliet mija u tmienja u tmenin euro u tmienja u erbghin centezmu (€29,388.48) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar ta' valur ta' servizzi ta' reklamar, xandir u provvisti ohra rezi mis-socjeta rikorrenti;**

**3. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza inkluzi dawk tal-kontro mandat prezentat nhar it-22 ta' Marzu 2012 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru nru 1317/2012 prezentat nhar is-6 ta' Settembru 2012 bl-imghax dekorribbli mill-1 ta' Frar 2012 relattiv sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata .**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------